MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 244/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alexander Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alexander Micallef talli fit-22 ta’ Frar 2004 gewwa H’Attard u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

(1) seraq lil Rebecca Sammut minuri ta’ tliet snin mill-fond Edelweiss, Triq is-Sienja, Attard billi skala minn tieqa ta’ wara;

(2) bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Rebecca Sammut, kontra l-volonta` taghha u pprovda l-post fejn l-istess Rebecca Sammut inzammet arrestata, mizmuma jew issekwestrata;

(3) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Carmela Ferrito ID. 45538(M) anzjana ta' aktar minn 60 sena, kif iccertifika Dr. J. Puzno tad-Dipartiment ta' ENT, tal-Isptar San Luqa u liema feriti jistghu jgibu perikolu ta' mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz;

(4) ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Graziella Ferrito ID. 99171(M) skond ma ccertifika Dr. Michael Spiteri M.D Reg 2666 ta' l-Isptar San Luqa;

(5) volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, u ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta` ta' haddiehor.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli, torbot lill-imsemmi Alexander Micallef b'dawk l-obbligazzjonijiet li l-Qorti jidhrilha xierqa u dan sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Carmela Ferrito, Graziella Ferrito, Salvatore Ferrito u Rebecca Sammut;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Gunju 2007 li permezz taghha dik il-Qorti, ma sabitx lill-imsemmi Alexander Micallef hati skond l-artikoli 199 u 200 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minnhom lliberatu izda sabitu hati skond l-artikoli 86, 214, 215, 216, 221, 338 u 340 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u, wara li rat anke l-artikoli 222A u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijeit ta' Malta, kkundannatu ghal piena karcerarja ta' sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Alexander Micallefipprezentat fit-22 ta' Gunju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata kif gej:

(1) Thassarha u tirrevokaha fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni ta’ arrest illegali u minn din l-imputazzjoni tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi;

(2) Thassarha u tirrevokaha fejn sabitu hati tat-tielet imputazzjoni ta’ feriti gravi fuq il-persuna ta’ Carmela Ferrito u minn din l-imputazzjoni tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi;

(3) Thassarha u tirrevokaha fejn sabitu hati tar-raba’ imputazzjoni ta’ feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Graziella Ferrito u minn din l-imputazzjoni tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi;

(4) Alternattivament u minghajr pregudizzju thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-elementi tat-tieni imputazzjoni ma jirrizultawx. Fl-artikolu 86 il-ligi ma tiddistingwixxix bejn persuni ta’ taht it-tmintax-il sena u adulti. Jezisti r-reat jekk il-vittma tigi arrestata, mizmuma jew sekwestrata kontra l-volonta` taghha. Id-determinazzjoni tal-volonta` tista’ tigi stabbilita kemm espressament kif ukoll tacitament. L-ewwel Qorti skorrettement issostitwiet il-volonta` tal-minuri bil-volonta` ta’ ommha. Ma jirrizultax li Rebecca Sammut marret ma’ l-appellant u baqghet mieghu kontra l-volonta` taghha. Il-Pulizija stess, ghalkemm kienu jafu fejn kienet, ma marrux ghaliha ghax kienu jafu li ma kinitx f’perikolu u l-anqas kontra l-volonta` taghha; (2) bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, hawn si tratta ta’ tifla ta’ tliet snin li ma jistax ikollha l-kapacita` tesprimi l-volonta` taghha. Ghalhekk ir-reat ta’ arrest illegali qatt ma jista’ japplika f’kaz bhal dan

ghax l-artikolu 86 jippresupponi persuna li hija kapaci tifforma u tikkontrolla l-volonta` taghha u l-ligi fil-fatt hi intiza thares u tipprotegi dik l-istess volonta` libera li ma tkunx mittiefsa minn haddiehor; (3) bla pregudizzju ghal dak espost, l-appellant hassu aggravat mis-sentenza dwar it-tieni imputazzjoni billi din stabbiliet li hu ssekwestra lil Rebecca minghajr il-permess ta' ommha meta dan il-kunsens fil-fatt inghata. Graziella Ferrito, omm il-minuri, kienet taf u accettat li l-appellant se jiehu lil Rebecca r-Roadhouse. Kien hemm ftehim bejniethom. Il-problema kienet is-soghla u l-hwejjeg hfief. Jigifieri l-inkwiet ta' Graziella kienet is-soghla u l-kesha. Izda fil-lejl ta' qabel kellu argument ma' Graziella li kienet qieghda fil-kumpanija ta' terz u meta kien ikollhom dawn it-tip ta' argumenti kienet tinkieh li mhux ser jara lit-tifla. Difatti din tas-soghla x'aktarx kienet skuza ghax kull min xehed u ra lit-tifla kkonferma li ma kellhiex soghla. Skond l-appellant, il-"LE" ta' Graziella kienet realment tfisser "IVA" ghax hi stess qalet li dejjem spiccat taghtihielu lit-tifla. Il-provi kollha juru li ma kellhiex intenzjoni li ma thalliehx jehodha dakinhar; (4) bla pregudizzju ghal dak espost, il-kaz jisthoqqlu l-applikazzjoni tal-*proviso* ta' l-artikolu 86 in kwantu jirrigwarda l-piena; (5) bla pregudizzju ghal dak espost, l-arrest illegali ma jirrizultax izda semmai *ragion fattasi* skond l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (6) l-appellant jilmenta dwar is-sejbien ta' htija dwar it-tielet imputazzjoni. L-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni gratuwita li l-griehi sofferti minn Carmela Ferrito huma gravi u ma gewx certifikati bhala tali mit-tobba; (7) bla pregudizzju ghal dak espost, il-griehi li garrbet Carmela Ferrito graw b'konsegwenza li mhix imputabbli lill-appellant. Fl-ebda hin ma aggrediha u mbuttaha wara li Carmela Ferrito gibditlu xaghru. Qatt ma kellu l-intenzjoni li jikkawzalha griehi u kien qieghed biss jirripellaha. Fil-fatt huwa mbuttaha meta gibditlu xaghru. Inoltre l-prosekuzzjoni ma gabitx l-ahjar prova. Ic-certifikat mediku ma giex ikkofnermat mit-tabib u x-xiehda ta' Carmela Ferrito nisslet dubju fl-ewwel Qorti, tant li nnominat lil Dr. Mariio Scerri sabeix jezaminaha; izda dan l-inkarigu ma geix esegwit; (8) fil-konfront ta' Graziella Ferrito ma ngabet ebda prova sodisfacenti dwar il-griehi li sofriet, ic-certifikat mediku ma giex ikkonfermat mit-tabib u dak li

qalet Graziella Ferrito li l-appellant taha daqqa fuq wiccha l-anqas ma jissemma ficc-ertifikat mediku; (9) bla pregudizzju ghal dak espost, il-piena nflitta hija eccessiva. L-ewwel Qorti ma kkunsidratx li t-tifla minorenni hi l-wild naturali ta' l-appellant u fl-ebda hin ma kellu intenzjonijiet li jaghmlilha hsara. Kull ma ried li jehodha l-festa tal-akrnival u jirritornaha bhas-soltu. Il-motiv tieghu ghandu jigi rifless fil-piena. Fuq kollox ic-cirkostanzi ta' l-arrest illegali jimmeritaw l-applikazzjoni tal-*proviso* ta' l-artikolu 86. Barra minn hekk huwa skonta sentenza harxa fil-mori tal-kawza billi kellu jiccahhad ghal madwar sentejn minn bintu. Illum rega' beda jaraha u rristabilixxa relazzjoni maghha u Graziella tafdah mat-tifla u hafritlu. Hemm kawza civili pendenti sabiex jigi korrett l-att tat-twelid ta' Rebecca, u Graziella Ferrito u zewgha Joseph Sammut mhumiex qed jikkontestaw it-talba tieghu. Piena ta' prigunerija ser ikollha effett hazing fuq Rebecca lit kun taf li misserha mar il-habs biex jaraha. Fuq kollox kellu l-opportunita` li jiehu l-perijodu ta' riforma tieghu meta qatta sena u tliet xhur taht *house arrest*. Barra minn hekk sab xoghol u sejjer tajjeb.

L-artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi:

"Kull min, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà taghha, jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn."

Skond l-appellant, il-minorenni Rebecca Sammut marret mieghu volontarjament u ghalhekk ma japplikax l-artikolu 86 isemmi. Jirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Andrew Bonnici** moghtija fit-23 ta' Jannar 1998 fejn intlaqa' aggravju li ma kienx hemm arrest, detenzjoni jew sekwestru illegali peress illi t-tifel f'dak il-kaz kien mar ma' l-appellant "minn rajh". Bejn dak il-kaz u l-kaz odjern pero` hemm differenza. It-tifel involut fil-kaz ta' Bonnici kellu tnax-il sena u ghalhekk kien lehaq dik li solitament tissejjah "l-eta` tar-raguni". Difficilment jista' jigi accettat li

fil-kaz in ezami, fejn it-tifla minorenni kellha biss tliet snin, il-volonta` taghha setghet tissostitwixxi dik ta’ ommha li kellha – u ghad ghandha – il-kustodja taghha. Huwa evidenti mill-provi li omm il-minorenni, Graziella Ferrito, ma riditx lill-appellant jehodha mieghu l-*party* tal-karnival. Skond Graziella Ferrito, it-tifla kellha s-soghla u meta cempel l-appellant qaltlu li ahjar ma johroghiex. L-appellant qallha li xorta kien sejjer ghaliha. Fil-fatt anke jekk stess ma kellhiex is-soghla, ufficjalment Rebecca ma kinitx registrata bhala bint l-appellant u ghalhekk l-appellant f’ghajnejn il-ligi ma kellu ebda jedd fuq it-tifla.

Meta l-appellant mar ghat-tifla, beda jhabbat fuq il-bieb u ma fethulux. Ghalhekk huwa skala u dahal mit-tieqa tal-kamra tas-sodda. Lit-tifla libbisha u hadha mieghu. Skond Graziella Ferrito u ommha Carmela Ferrito l-appellant anke uza vjolenza fuqhom. L-appellant jammetti certu agir vjolenti da parti tieghu izda jghid li dak fil-konfront ta’ Carmela Ferrito kien sabiex jirripellaha. Dwar Graziella Ferrito jghid biss li din giet tghajjat wara li lil ommha kien hargilha d-demm minn imnihirha. Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, irrispettivament minn jekk it-tifla haditx pjacir il-*party*, fid-dawl tal-mod kif gab ruhu l-appellant, it-tifla ma kellha l-ebda ghazla ohra hlief li tmur ma’ l-appellant. Jigifieri anke kieku wiehed seta’ jitkellem dwar volonta` ta’ tifla ta’ tliet snin, dik il-volonta` kienet karpita.

Imbaghad anke jekk stess l-appellant u Graziella Ferrito kienu ftehmu xi hamest ijiem qabel li kellu jmur ghat-tifla biex jehodha *party* il-Buskett Roadhouse, cirkostanzi jinbidlu. Jekk it-tifla kellha s-soghla u ommha ma ridithiex tohrog minhabba li kienet il-kesha, l-appellant ma kellux ghalfejn jinsisti. Jekk ma kellhiex is-soghla, xorta ma kellu ebda jedd jinsisti. Wara kollox battibekki u argumenti fuq it-tfal huma trawmatizzanti ghat-tfal. Ghalxejn jipprova jargumenta li l-“Le” ta’ Graziella Ferrito kienet tfisser “Iva”. Kieku minflok ma baqa’ jinsisti li jiehu t-tifla l-*party* illimita ruhu biex “jara” lit-tifla, ma kien jinqala’ xejn minn dan kollu. Il-fatt li taghtu n-*nappies* fic-cirkostanzi li fihom ha lit-tifla l-anqas ma jfisser permess tacitu da parti ta’ Graziella Ferrito biex jiehu lit-tifla. Barra minn hekk mix-xiehda ta’ l-Ispettur Louise Calleja jirrizulta illi meta hija kellmet lill-

appellant fuq il-mobile, dan baqa' jinsisti li ma riedx jirritornaha qabel is-6.00 p.m. minghand il-mama` tieghu u, skond ix-xhud, qallha "ara x'jien nghidlek Spet., qalli ara ma tigux ghalija jew ghat-tifla [il-*party*] ghax wahda minn tieghi naghmel." Jigifieri meta l-Pulizija ma qabdux u marru ghat-tifla sabiex jipprelevawha minghand l-appellant waqt il-*party* dan kien certament fl-interessi tat-tifla stess.

Ghaldaqstant l-ewwel tliet aggravji qeghdin jigu respinti. Konsegwentement ukoll, galadarba jissussisti r-reat kontemplat fl-artikolu 86, qed jigi respint ukoll il-hames aggravju.

Is-sitt aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija skond it-tielet imputazzjoni, cioe` dik li kkawza offizi ta' natura gravi fuq Carmela Ferrito. L-appellant jghid illi m'hemmx provi li hija sofriet offizi ta' natura gravi. Skond l-ewwel Qorti, "[i]l griehi sofferti minn Carmela Ferrito, mara ta' 66 sena dak iz-zmien, kienu tali li gabu sfregju (anke jekk tenmporanju) fil-wicc ai termini ta' l-artikolu 216 tal-Kap. 9." Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal din il-konkluzjoni. Huwa minnu illi c-certifikat mediku inizjali kien jitkellem fuq offizi li kienu "slight save complications", izda meta Carmela Ferrito kienet qed tixhed quddiem l-ewwel Qorti, minbarra li lmentat li minn dak iz-zmien ma tantx qed tisma', ghonqha qed jugaghha hafna u qed jaqbadha ugiegh ta' ras, uriet lil dik il-Qorti "tumbata" fuq imnehirha u qalet illi l-ghadma jew il-qarquca resqitilha naqra u ma tihux in-nifs sew ghax ghalqitilha naqra n-*nostril*. Ghalkemm jidher li inizjalment l-ewwel Qorti seta' kellha xi dubju dwar dak li kienet qed tixhed Carmela Ferrito, tant li hatret lil Dr. Mario Scerri biex jezaminaha[1], ma jirrizultax illi dik in-nomina giet b'xi mod segwita. Ghalhekk jidher li l-ewwel Qorti kienet sodisfatta mix-xiehda u mit-twegibiet ta' Carmela Ferrito.

Bhalma ntqal fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deciz fit-30 ta' Lulju 2004:

[1] A fol. 101.

**"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda <u>ta' fatt</u> u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Ghalhekk l-ewwel Qorti setghet tikkonkludi illi dak li ovvjament jidher li huwa *a deviated septum*, gara proprju waqt l-incidenti tat-22 ta' Frar 2004. U din il-Qorti ma tara l-ebda raguni biex tvarja dik il-konkluzjoni. Konsegwentement anke s-sitt aggravju huwa michud.

Permezz tas-seba' aggravju l-appellant isostni illi l-offizi li garrbet Carmela Ferrito graw b'konsegwenza li mhix imputabbli lilu, u cioe` billi meta rat lill-appellant bit-tifla f'idu kuntenta sejra l-*party*, marret taghmel ghalih u gibditlu xaghru, imbuttaha u din waqghet u habtet ma' sieq ta' gradenza. Huwa qatt ma kellu intenzjoni li jikkawzalha offizi izda biss li jirripellaha.

Issa, skond certifikat mediku rilaxxjat mit-tabib Dr. J. Puzno fit-22 ta' Frar 2004, hemm deskrizzjoni ta' l-offizi li garrbet Carmela Ferrito fuq imnehirha. Fic-certifikat fil-fatt hemm indikat li l-imsemmija Carmela Ferrito "was beaten up over nose". Ic-certifikat ma setax jigi kkonfermat minn Dr. Puzno nnifsu peress illi dan telaq minn Malta. Il-firma tieghu giet ikkonfermata pero` minn Dr. Frank Bartolo, dak iz-zmien Supretendent ta' l-Isptar San Luqa. Fix-xiehda taghha Carmela Ferrito tghid illi wara li l-appellant kien libbes lit-tifla, nizel isfel, u bit-tifla f'idu beda jaghti lilha b'

“dahru lejja u jaghtini bis-sieq fuq dahri u taghni daqqa fil-kus ta’ ghonqi u lit-tifla [Graziella] tefaghha fuq bicca ghamara.” Imbaghad tghid li telaq u pogga lit-tifla fil-karozza fejn kien hemm siehbu, rega’ gie u rega’ beda jaghtihom. “Lili taghni daqqa kbira fuq dahri u tefaghni fuq side table, ghandha s-sieq tar-ram.” In kontro-ezami qalet li lill-appellant gibditlu xaghru ghax kien qieghed jaghti lit-tifla taghha, izda ma taghtux daqqiet.

Fl-istqarrija tieghu l-appellant bazikament jikkonferma li kien hemm zewg incidenti ma’ Carmela Ferrito. Pero` l-ewwel incident jindikah bhala li gara qabel ma liebes lit-tifla u jghid illi meta Rebecca bdiet tghannqu, Carmela Ferrito qabditu minn xaghru minn wara, qallha biex titilqu, Graziella wkoll qaltilha “ma erhilu” izda Carmela Ferrito baqghet tigbed u taghtu daqqa go nofs dahru. Huwa dar u taha daqqa ta’ minkeb bejn spallejha u sidirha biex tersaq lura. L-incident l-iehor, skond l-appellant, kien wara li kien ha lit-tifla fil-karozza u rega’ lura ghan-nappies. Jghid li Carmela Ferrito qaltlu “Jiena lilek noqtlok a pufta” u kif raha gejja lejh, qabdilha idejha t-tnejn u mbuttaha lura, hi waqghet ma’ l-art u tkaxkret u habtet wiccha mal-cupboard u hargilha d-demm minn imnehirha.

Graziella Ferrito tidher li tabbina kollox f’incident wiehed. Tghid illi meta l-appellant pogga lit-tifla fil-karozza, rega’ dahal, rega’ beda jaghti lilha u lil ommha li dahlet taqbez ghaliha. Tghid li lil Carmela Ferrito taha daqqa f’ghonqha, daqqa ta’ sieq f’daharha u mbaghad imbuttaha u tefaghha ma’ l-art u habtet wiccha mas-sieq tal-mejda tar-ram.

Kemm Carmela Ferrito kif ukoll Graziella Ferrito jghidu illi l-appellant jaf il-*martial arts*.

Minn dawn il-provi jigi l-ewwelnett osservat illi fil-mument li l-appellant imbotta lil Carmela Ferrito u din waqghet u habtet imnehirha mas-sieq tar-ram, hija ma kinitx qed tigbidlu xaghru. L-appellant stess jghid illi huwa mbuttaha meta raha “gejja lejh”. Carmela Ferrito ma kinitx armata. L-appellant zgur ma kienx qieghed jibza’ minnha. Il-fatt li jaf il-*martial arts* ifisser illi huwa jaf daqqa, imbuttatura, manuvra f’hiex tista’ ssarraf. Din il-Qorti mhijiex tghid illi l-

appellant kellu l-intenzjoni specifika li jitfa' Carmela Ferrito fuq sieq il-mejda biex jikkawzalha offiza ta' natura gravi. Izda fil-kaz ta' offizi volontarji huwa bizzejjed li tigi ppruvata l-intenzjoni generika. Fil-kaz odjern, l-offiza li garrbet Carmela Ferrito kienet ir-rizultat dirett ta' l-imbuttatura vjolenti li ssubixxiet minghand l-appellant. Il-vjolenza ta' l-imbutattura tirrizulta minn dak li l-istess appellant jghid fl-istqarrija tieghu, cioe` li meta mbuttaha hija mhux biss waqghet izda sahansitra "tkaxkret" u habtet mas-sieq tal-mejda. Il-vjolenza ta' l-impatt imbaghda tidher cara mir-ritratti ta' Carmela Ferrito wara l-incident – Dok. BC a fol. 214. Ghalhekk anke s-seba' aggravju huwa michud.

Kwantu ghat-tmien aggravju li jirrigwarda l-offizi ta' natura hafifa li garrbet Graziella Ferrito, din il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal fuq rigward kif tista' ssir prova fir-rigward ta' offizi fuq il-persuna u, ghall-istess ragunijiet, u wara li ezaminat il-provi u b'mod partikolari x-xiehda ta' Graziella Ferrito u anke l-istqarrija ta' l-appellant stess, issib li dan l-aggravju huwa bla bazi u ghalhekk qieghed jigi michud.

Ir-raba' u d-disa' imputazzjonijiet jirrigwardaw il-piena nflitta fuq l-appellant mill-ewwel Qorti. Skond ir-raba' aggravju, l-appellant isostni illi l-kaz jisthoqqlu l-applikazzjoni tal-*proviso* ta' l-artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` billi tqis dan bhala "kaz hafif". Din il-Qorti hasbet sew fuq tali sottomissjoni izda mhijiex sodisfatta illi jista' japplika l-imsemmi *proviso* in vista tal-vjolenza li ntuzat.

Skond id-disa' aggravju mbaghad l-appellant jghid illi l-uniku hsieb tieghu kien li jiehu lit-tifla l-*party* tal-Karnival. Kien ikun aktar fl-interess tat-tifla li ma jaghmel xejn biex jittrawmattizzaha.

L-appellant jghid ukoll illi piena ta' prigunerija jkollha effett hazin fuq Rebecca li tkun taf li missierha mar il-habs biex jaraha. Kieku l-appellant mar biex jara lit-tifla tieghu biss, ma kien jigri xejn minn dan kollu. Huwa ma marx biex jaraha izda biex jehodha *party* bil-forza meta kien jaf li kien hemm l-oppozizzjoni ta' l-omm.

L-appellant jghid li ghamel sena u tliet xhur *house arrest* li fih kellu l-opportunita` "jiehu l-perijodu ta' riforma tieghu". Issa, fid-digriet tal-helsien mill-arrest inghatat kundizzjoni li "jibqa' taht *house arrest* ghajr ghal hinijiet ta' xoghol mis-6.45 a.m. sa 5.15 p.m. go Flat 4 Triq Patri Gwann Azzopardi, Binja Binarju, Entratura K, Santa Venera". Jigifieri kien hemm hinijiet twal matul il-gurnata meta ma kienx ristrett ghar-residenza tieghu. B'dik il-kundizzjoni ghalhekk l-ewwel Qorti kienet qed tiddetermina biss x'kellhom ikunu l-hinijet ta' rinkazar. Il-fatt li minn dak iz-zmien ma regax ikkommetta reat hija certament xi haga pozittiva. Il-fatt imbaghad li qieghed jahdem pero` mhix raguni biex persuna ma tpattix ta' ghemilha.

Jghid ukoll illi fil-mori tal-kawza ghamel madwar sentejn ma jarax lil bintu u llum rega' beda jaraha u rristabilixxa relazzjoni maghha u Graziella Ferrito regghet rabbiet fiducja fih tant li tafdah maghha u inoltre hafritlu. Quddiem din il-Qorti fil-fatt Graziella Ferrito kkonfermat illi kultant, ikun il-Christmas jew il-birthday, u bona volonta` taghha, ittieh lit-tifla ghal ftit sieghat. Qalet ukoll illi mill-2004 ma regghux inqalghu incidenti (ikkonfermat dan anke mill-fedina penali aggornata tieghu), ikkonfermat li r-relazzjoni bejniethom ikkalmat u mat-tifla kollox normali. Meta xehdet quddiem l-ewwel Qorti Graziella Ferrito wkoll ikkonfermat illi fuq dak li gara lesta tahfirlu. Huma dawn l-unici cirkostanzi li jistghu jwasslu lil din il-Qorti tittempera xi ftit il-piena. Del resto din il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal fis-sentenza precitata **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi**[2]:

**"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkazjoni diversi drabi li tfisser li, bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna l-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija <u>b'effett immedjat</u>. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika."**

---

2 Appell Kriminali, 30 ta' Lulju 2004.

Ghalhekk anke f'dan il-kaz il-piena ghandha tkun taht il-forma ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundanat lill-appellant Alexander Micallef ghal piena karcerarja ta' sena u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' ghaxar xhur u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------